# ĠUSTIZZJA AĊĊESSIBLI GĦAT-TFAL

Kummissarju għat-Tfal

Commissioner for Children

LEGALAID MALTA

## PJAN TAL-EWWEL LEZZJONI

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal jaħdem biex jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet tat-tfal kollha, kif inhuma mħarsa fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Unit dwar id-Drittijiet tat-Tfal. B'kollaborazzjoni mal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali Malta, dan l-Uffiċċju qed iqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet tat-tfal fis-sistema ġudizzjarja.

It-tfal jistgħu jkollhom x'jaqsmu mas-sistema ġudizzjarja f'diversi ċirkostanzi, kemm bħala vittmi, xiehda, jew anki meta akkużati b'reat. F'kull ċirkostanza, id-drittijiet tat-tfal iridu jkunu rispettati. Huma jridu jingħataw l-appoġġ li għandhom bżonn, stmati b'mod ekwu, u mħarsa minn kull tip ta' periklu.

Is-sistema ġudizzjarja tista' tidher imponenti u tqila wisq biex tifftiehem mit-tfal. Ħafna jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet fejn ma jifhmux x'inhu jiġri, u mingħajr is-sostenn neċessarju, l-esperjenza tkun wisq għalihom. Fid-dawl ta' dan, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal flimkien mal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali Malta ħolqu toolkit għall-ġustizzja aċċessibbli għat-tfal li tħares id-drittijiet u l-bżonnijiet ta' kull tifel u tifla.

## It-toolkit jinkludi:

- Serje ta' erba' vidjows edukattivi li jispjegaw punti ewlenin tas-sistema ġudizzjarja b'mod li hi aċċessibbli u tifftiehem mit-tfal.
- Żewġ pjani ta' lezzjonijiet maħsuba li jintużaw mal-vidjows u biex titqajjem diskussjoni fil-klassi dwar id-drittijiet tat-tfal.



Dan it-toolkit hu mibni fuq il-prinċipji bażiċi elenkati mill-Kunsill tal-Ewropa. Kull proċess ġudizzjarju li jinvolvi tfal irid ikun:

- Aċċessibbli – jiżgura li t-tfal kollha jkollhom aċċess u l-appoġġ meħtieġ.
- Addattat skont l-età – juża lingwaġġ li jiftiehem mit-tfal.
- Bla dewmien – nuqqas ta' dewmien li jista' jeffettwa negattivament il-benesseri tat-tfal.
- Reqqa – titratta kull każ li jinvolvi tfal b'kura u b'mod professjonali.
- Addaddat u iffokat fuq il-bżonnijiet tat-tfal – tingħata prijorità lill-aħjar interessi tat-tfal.
- Rispettat id-dritt għal proċess ġust – wieħed li jiggarantixxi li ssir ġustizzja fi żmien raġonevoli.
- Rispettat id-dritt li tieħu sehem u tifhem il-proċeduri – tagħti vuċi lit-tfal u jistgħu jieħdu sehem b'mod attiv.
- Rispettat id-dritt għal ħajja privata u għal familja – tipproteġi l-privatezza tat-tfal u s-sehem tal-familja fejn ikun meħtieġ.
- Rispettat id-dritt għall-integrità u d-dinjità – tiżgura li kull tifel u tifla tkun stmata b'rispett, sigurtà u kompassjoni.

L-Uffiċċju Kummissarju għat-Tfal jesprimi r-ringrazzjament tiegħu lill-edukaturi kollha għall-appoġġ kontinwu fil-promozzjoni għad-drittijiet għat-tfal.

# PJAN TAL-LEZZJONI GĦAL ĠUSTIZZJA AĊĊESSIBBLI GĦAT-TFAL



**Eta' tal-grupp:** Sena 7 - Sena 11
**Ħin:** 45 minuta sa siegħa
**Riżorsi:** Vidjows, Karti A4 u kuluri/markers

## 1 - Objettivi tal-lezzjoni:



- ✓ **Identifika** drittijiet ewlenin tat-tfal fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC).
- ✓ **Ifhem** xi tfisser 'ġustizzja aċċessibbli għat-tfal' u għaliex hi importanti.
- ✓ **Analizza** kif id-drittijiet tat-tfal jistgħu jkunu protetti u fejn issib l-għajnuna f'każ ta' bżonn.

## 2 - Skop tal-lezzjoni:



- ✓ Nista' niddiskuti dwar id-drittijiet tat-tfal meta jkollhom x'jaqsmu mas-sistema ġudizzjarja.

## 3 - Kriterji ta' suċċess:



- ✓ Nista' **niddeskrivi** d-drittijiet tat-tfal u għaliex huma important
- ✓ Nista' **nispjega** għaliex ġustizzja aċċessibbli għat-tfal hi relevanti
- ✓ Nista' **nsemmi** mill-anqas żewġ organizzazzjonijiet jew aġenziji li jgħinu fil-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal

# 4 - Kliem importanti:

Drittijiet
Ġustizzja
Persuni li għandhom x'jaqsmu mal-każ

# 5 - Introduzzjoni: 15-il minuta

- Ibda l-lezzjoni billi tikteb il-kelma 'drittijiet' fuq il-bord.
- L-istudenti jgħidu x'jifhmu dwar il-kelma 'drittijiet'.
- Tista' jew tagħtihom sticky notes u jwaħħluhom fuq il-bord, jew inkella tistedinhom biex jiktbu l-ideat tagħhom fuq il-bord.
- Agħti lit-tfal id-definizzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal: Dawn huma kull ħaġa li t-tfal għandhom bżonn biex jaqdu l-bżonnijiet tagħhom. Dawn jinkludu d-dritt li tħossok sigur, tmur l-iskola, ikollok biżżejjed ikel, tieħu ħsiebek familja, tkun b'saħħtek, u tistrieħ u tilgħab. It-tfal għandhom ukoll id-dritt li jkunu nvoluti f'deċiżjonijiet tal-kbar. It-tfal jistgħu jkunu vittmi, xiehda jew iwettqu reat, għandhom drittijiet speċifiċi f'dawn is-sitwazzjonijiet (tista' tipprepara din id-definizzjoni fuq card laminata jew tpoġġiha fuq l-interactive whiteboard).
- Uri l-vidjow li jismu Konvenzjoni tal Ġnus Magħquda Dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

# Attività 1 - Ġustizzja aċċessibli għat-tfal: 10 minutes

Sabiex tintroduċi l-kunċett ta' x'inhu ġust, ippreżenta lill-istudenti b'eżempji ta' sitwazzjonijiet li jiltaqgħu magħhom kuljum li jista' jkollhom konsegwenzi. Xi eżempji huma f'Anness 1.

- Itlob lill-istudenti biex jaħdmu f'pari jew gruppi żgħar u ipprovdilhom b'sitwazzjonijiet tal-għażla tiegħek.
- Staqsi lill-istudenti biex jiddiskutu x-xenarji varji, bħal 'X'inhu l-mod ġust kif taġixxi?'
- Itlob lill-istudenti jaqsmu l-ideat tagħhom mal-klassi kollha.

# Attività 2 - Vidjow: 10 minuti

- Uri l-vidjow li jismu Sistema Ġudizzjarja sas-sekonda 35.
- Ipproċessa l-vidjow u staqsi dawn il-mistoqsijiet:
  - Xi drittijiet għandhom it-tfal f'dawn is-sitwazzjonijiet?
  - Kif għandhom jiġu ttrattati t-tfal?

# Diskussjoni: 20 minuta

- Itlob lill-istudenti jaħdmu flimkien fi gruppi ta' tnejn jew tlieta, u jiddiskutu dan li ġej:
  - X'jagħmel lit-tfal iħossuhom siguri u rispettati ?
  - X'jista' jagħmilha diffiċli għal tifel jew tifla biex jitkellmu quddiem persuna ta' awtorità ?
  - F'sitwazzjonijiet serji kif għandhom ikunu mismugħa t-tfal ?

- It-tfal għandhom ikollhom l-istess regoli tal-adulti? Għaliex?
- X'jista' jiżomm lura tifel jew tifla milli j/titkellem f'sitwazzjoni important?

✓ Stieden rapprezentant minn kull grupp jaqsam il-fehmiet tagħhom mal-kumplament tal-klassi.

✓ Uri l-kumplament tal-vidjow.

## Konklużjoni

Erġa' enfasizza l-punti ewlenin, li ġustizzja aċċessibbli għat-tfal tfisser li tisma' lit-tfal, li din tħarishom, li jkun fehmu b'dak li qiegħed jiġri, u li tistmagħhom b'rispett.

✓ X'tgħallimna llum ?

✓ Għaliex hu importanti li sistemi tal-ġustizzja jifhmu l-bżonnijiet tat-tfal ?

✓ Agħti kelma waħda li tfisser kif jixtiequ jħossuhom it-tfal li kieku jkunu parti minn proċess ġudizzjarju.

## Attività ta' wara (m'hix obbligatorja)

Ġustizzja aċċessibbli għat-tfal fil-cloud – agħti lill-istudenti karta/i A4 vojta u staqsihom biex ipinġu stampa jew simbolu li tippromwovi d-drittijiet tat-tfal fis-sistema ġudizzjarja. Dendilhom fil-klassi viċin xulxin u stieden lill-istudenti jaraw ix-xogħol ta' ħaddieħor u wara jinġabru u jiddiskutu flimkien.

# Anness 1

Xenarji

L-ewwel xenarju: Lapes mitluf
Alex jinduna li l-lapes m'hux fuq l-iskrivanija. Jibda jaħseb li ħadu Jamie.

It-tieni xenarju: Eskluż mil-logħba
Sam hu student ġdid u jixtieq jilgħab logħba futbol waqt il-ħin tal-brejk. Iżda xi studenti jgħidulu,'Ma tistax, ħbieb biss jistgħu jilgħabu'.

It-tielet xenarju: Għajnuna fil-homework
Marija ndunat li sieħba tal-klassi tagħha qed tbati biex tagħmel il-homework. Tista' jew tinjora l-problema jew tipprova tgħin.

Ir-raba' xenarju: Ħġieġa mkissra
Ballun jkisser ħġieġa ta' klassi b'mod aċċidentali. L-istudenti li kienu qed jilgħabu fil-viċin qed jinkwetaw li se jidħlu fl-inkwiet.

Il-ħames xenarju: Mhux kulħadd jiekol l-istess
Waqt festin tal-klassi, xi studenti jieħdu biċċiet aktar ta' kejk minn oħrajn.

Is-sitt xenarju: Għajdut online
Xi ħadd jixxerja storja ivvintata dwar student online. Ħafna minn tal-klassi rawha.